# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

**Illum 31 ta' Mejju 2022**

Appell numru 397/2021

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Renald MICALLEF**

Il-Qorti rat is-segwenti :

### A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-18 t'Ottubru 2021 fil-konfront ta' Renald MICALLEF (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 560775M) li ġie mixli talli fix-xahar ta' Settembru 2018 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas milli jagħti lil Rachelle Micallef s-somma hekk iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien ħmistax -il jum minn dak -il jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas is-somma.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-appellant MICALLEF ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal **xahar detenzjoni**.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi MICALLEF appella minn din is-sentenza fejn talab lil Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata billi tirrevokaha u tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu jew alternattivament tvarjaha in kwantu jikkonċerna l-piena inflitta u minflok tgħaddi biex tinfliġġi piena iżjed ekwa u ġusta u dan wara li ppremetta li :

   (a) l-azzjoni kriminali f'dan il-każ kienet taqa' bil-preskrizzjoni ta' sitt xhur;
   (b) huwa biss persuna reċidiva f'din il-kontravenzjoni li teħel piena detentiva;
   (c) stante li kellu l-fedina penali netta, l-piena inflitta kienet eċċessiva;
   (d) ebda wieħed mill-elementi tar-reat imputat ma jirriżultaw sodisfatti;
   (d) il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet apprezzament ħażin tal-provi li kellha quddiemha;
   (e) kien hemm lok għalbiex din il-Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha biex tammetti xhieda ġodda f'dan il-każ;
   (f) il-Qorti kellha tistħarreġ sewwasew ir-raġunijiet għaliex l-appellant kien waqaf iħallas l-ammonti ta' manteniment dovuti minnu.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Illi kif jirriżulta mill-verbal a fol 6 tal-proċess, ir-referta li ġiet eżebita quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet waħda negattiva tant li l-Qorti ordnat li n-notifika ssir wara l-ħinijiet legali. Is-seduta li fiha deher l-ewwel darba l-appellant kienet dik tat-22 t'April 2019. Fil-

frattemp ma hemm ebda referta fl-atti li turi li l-appellant kien ġie notifikat **qabel** id-dekors ta' sitt xhur mid-data stipulata fil-Liġi.

5. In-notifika ta' atti ġudizzjarji trid tirriżulta mill-atti. L-istitut tal-preskrizzjoni fil-kamp kriminali huwa materja t'ordni pubbliku. Tant hu hekk li fil-kamp penali, l-preskrizzjoni tal-azzjoni tista' tiġi sollevata anke ex officio mill-Qorti; tista' titqajjem kemm fi stadju tal-prim'istanza quddiem il-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali; u l-preskrizzjoni l-anqas ma tista' tiġi rinunzjata mill-imputat.

6. Dan kollu jfisser illi l-iter proċesswali dwar in-notifika tal-atti ġudizzjarji fil-kors ta' proċediment kriminali jkun irid jirriżulta ċar mill-atti tal-kawża. U jrid jirriżulta ċar, kemm bil-mezz tax-xiehda kif ukoll bil-mezz ta' dokumentazzjoni, kemm għall-Qorti tal-Maġistrati fil-prim'istanza kif ukoll għall-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tieni istanza. Altrimenti, jekk l-atti jkunu jissodisfaw lil Qorti tal-Maġistrati, iżda ma jkunux jinsabu fil-proċess meta dan jasal quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, kif tkin tista' din il-Qorti tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk imputat ikunx ġie debitament notifikat jew le? Fi ftit kliem, jekk il-Qorti tal-Maġistrati jkollha quddiemha dokument li juri li l-imputat ġie notifikat bl-avviż tas-smiegħ u ċitazzjoni, dak id-dokument irid jibqa' jidher fil-proċess anke wara li jkun instema' l-każ u anke meta dan il-proċess jispiċċa quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Dan huwa importanti kemm jekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tkun ġiet sollevata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u kemm jekk ma tkunx. Dan peress li din l-eċċezzjoni tista' dejjem tiġi sollevata mill-parti interessata fi stadju ta' appell, jew saħansitra tista' tiġi sollevata mill-Qorti tal-Appell Kriminali ex officio.

7. Allura minn dan isegwi li jekk l-atti ma jkunx fihom l-evidenza dokumentarja u/jew testimonjarja dwar il-fatt li l-imputat ikun ġie notifikat u f'każ affermattiv, meta, din il-Qorti ma tkunx f'qagħda li tgħid b'sikurezza jekk u/jew meta l-imputat ikun ġie notifikat. U ġaladarba n-notifika trid tirriżulta b'mod sikur, u mhux fuq bażi ta' probabilita, jekk dik l-evidenza tkun nieqsa mill-proċess, b'mod partikolari f'każ fejn tiġi sollevata l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, il-preżunzjoni trid tmur favur tal-imputat u mhux kontra tiegħu. Jekk il-Prosekuzzjoni ma tkunx f'qagħda li tipprova li ċ-ċitazzjoni tkun ġiet notifikata u f'każ affermattiv meta, din il-Qorti ma tistax tqis li l-imputat ikun ġie notifikat. In-notifika trid tirriżulta b'mod sikur u ma tistax tiġi assunta jew deżunta minn provi mhux sodi jew dikjarazzjonijiet fl-atti mhux sorretti minn evidenza soda.

8. Għalhekk, fin-nuqqas ta’ referta pożittiva li tkun tinstab fl-atti u/jew xiehda testimonjarja dwar l-istess, din il-Qorti tqis li ma ġiex sodisfaċentement pruvat mill-Prosekuzzjoni li l-appellant verament ġie notifikat fiż-żmien regolamentari u b’hekk il-kawża kellha tiġi ritenuta preskritta.

9. Ġaladarba l-kawża kienet estinta minħabba l-preskrizzjoni, kien inutli għall-appellant li jirreġistra ammissjoni fis-seduta tal-4 t’Ottubru 2021, għax ġaladarba l-kawża kienet estinta, ma kienx hemm aktar lok għal proċediment kontrih u b’hekk dik l-ammissjoni ssir inkonsegwenzjali.

# Deċide

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda tilqa’ l-appell magħmul minn Renald MICALLEF u filwaqt li tiddikjara li l-azzjoni kontra tiegħu kienet estinta minħabba l-preskrizzjoni, tiddikjarah mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija, piena u konsegwenza.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**